SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ

IT-TIENI ĊIKLU

DANIEL GRECH

# ID-DRITT TAL-IDRATAZZJONI U N-NUTRIZZJONI LILL-PAZJENTI

Xogħol ippreżentat bħala parti

mill-kors tat-Teoloġija Morali

(diskuss nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2011)

Rabat – Għawdex

Frar 2012

# Werrej

**Il-Każ** **3**

**L-Ewwel Kapitlu**
***X'nifhmu bit-terminu Ewtanasja?*** **4**

**It-Tieni Kapitlu**
***Il-Prinċipji Morali*** **8**

**It-Tielet Kapitlu**
***L-Applikazzjoni tal-prinċipji u xi diskussjonijiet*** **11**

**Ir-Raba' Kapitlu**
***Konklużjoni*** **14**

**Bibliografija** **15**

# Il-Każ

Kien inċident tat-traffiku fatali li fih il-ġuvni li kien isuq miet mad-daqqa waqt li l-għarusa ġiet imdaħla fl-*intensive therapy unit* u wara l-kura ta' emerġenza u l-interventi mediċi spiċċat fi stat veġetattiv mingħajr ebda possiblità li terġa' takkwista l-konoxxenza. Il-ġenituri baqgħu jittamaw li binthom għad terġa' tiġi għan-normal u ta' kuljum kienu jkunu ħdejn is-sodda ta' binthom. Għaddew sebgħa snin u l-ġenituri qatgħu qalbhom li għad jerġgħu jaraw lil binthom tfajla intelliġenti u enerġetika kif kienet qabel u talbu lit-tobba li jieħdu ħsieb binthom biex iwaqqfu l-mezzi kollha artifiċjali li jagħtu n-nifs u l-ikel lil binthom, mezzi li jżommuha ħajja. It-tobba rrifjutaw li jieħdu din id-deċiżjoni għax tfisser qtil dirett ta' persuna umana u li dan kien att moralment ħażin waqt li din hi deċiżjoni mhix permessa mil-Liġi. Il-ġenituri ddeċidew li joħroġu lil binthom mill-isptar ċentrali statali u ħaduha fi klinika privata fejn dawn il-proċeduri setgħu jsiru bl-iskuża li ser jgħinu ġenituri li waslu f'eżawriment psikiku u kellhom dritt li jeħilsu min dan l-inkubu u riedu joħolqu attenzjoni pubblika għal dan id-dritt ċivili li skont huma ma kienx għadu rikonoxxut mil-Liġi.

*X'jgħid il-Maġisteru tal-Knisja dwar l-Ewtanasja in ġenerali u b'mod speċifiku fil-każ tagħna?*

## L-Ewwel Kapitlu

### *X'nifhmu bit-terminu Ewtanasja?*

Bit-terminu ewtanasja jew *mercy killing* nifhmu l-qtil intenzjonat ta' pazjent permezz ta' injezzjonijiet jew metodi oħra li jwasslu għall-mewt.[1] It-teoloġija morali tikkwalifika din id-definizzjoni bħala ewtanasja diretta jew attiva. F'sens aktar wiesgħa nistgħu nitkellmu wkoll minn ewtanasja indiretta jew passiva.

**Ewtanasja attiva**: hemm żewġ sinjifikati differenti li spiss jiġu mogħtija; uħud jgħidu li l-ewtanasja attiva sseħħ meta wieħed jagħmel azzjoni diretta u immedjata per eżempju meta tingħata injezzjoni letali. Oħrajn isostnu li ewtanasja attiva hija ċerta forma ta' passività, jiġifieri meta l-pazjent jiġi mċaħħad mill-alimentazzjoni neċessarja sabiex jkun jista jgħix.[2]

L-ewtanasja attiva tinqasam fi tliet forom:

1. Ewtanasja voluntarja – din isseħħ meta l-ħajja tal-pazjent tiġi mwaqqfa mit-tabib fuq talba tiegħu stess;
2. Ewtanasja non-voluntarja – din tirreferi għal meta l-ħajja tal-pazjent tiġi mwaqqfa mingħajr it-talba tal-pazjent innifsu. Dan jista' jseħħ minħabba diversi raġunijiet bħal dimentia, *mental handicap* jew f'każi ta' età żgħira ħafna bħal trabi tat-twelid. Dawn il-persuni huma mwaqqfa milli jgħixu mingħajr ma huma stess jkunu talbu, deċiżjoni li tiġi mehuda minn persuna oħra bħal qraba jew tobba;
3. Suwiċidju assistit – meta t-tabib jassisti b'mod attiv jew joffri l-metodi lill-pazjent sabiex itemm ħajtu.

**Ewtanasja passiva**: hija meta twaqqaf kull sforz terapewtiku ulterjuri, jiġifieri meta t-tabib quddiem sitwazzjoni disperata ma jibqax japplika aktar mezzi terapwetiċi, iżda xorta waħda jżomm ħaj lill-pazjent. Huwa ma jkunx qed jagħmel terapija iżda sempliċiment juża mezzi disponibbli sabiex inaqqas it-tbatija tal-pazjent. Waqt li jagħmel dan huwa jkun qed jipprevedi wkoll il-proċess tal-mewt li jkun qed iseħħ. Jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet fejn id-distinzjoni netta bejn ewtanasja attiva u dik passiva ma tkunx daqstant ċara, minħabba l-fatt li ż-żieda fit-tbatija tal-pazjent jkun qed jeżiġi doża aktar qawwija ta' meżżi li jtaffulu l-uġigħ, imma fl-istess ħin jgħaġġu l-proċess tal-mewt.

Fid-dawl ta' din id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' ewtanasja, it-tabib spiss jiġi f'konfront ma' sitwazzjoni kumplessa li tista' tiġi kemm min-naħa tal-pazjent meta huwa jagħmel talba espliċita sabiex jtemm il-ħajja tiegħu, kif ukoll mill-kunsens familjari mogħti lilu li jista' jkun kemm għal raġunijiet personali jew ekonomiċi.

---

[1] KARL H. PESCHKE, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, vol. II, Worcs, England 2000, 309.
[2] KLAUS DEMMER, *Diritto di vivere e diritto di morire*, noti mogħtija fl-Università Gregorjana, 1974-75.

Nistgħu niġbru s-sitwazzjoni li jsib ruħu fiha t-tabib għal żewġ każi:

1. *Meta m'hemmx aktar tama għall-pazjent li jirkupra definittivament*; jiġifieri meta t-tabib waqt li japplika l-mezzi terapewtiċi li għandu ad dispożizzjoni jkun konxju li l-pazjent qed joqrob sabiex imut, kif ukoll ikun qed itawwal artifiċjalment it-tbatija korporali tiegħu. Il-mezzi terapewtiċi jkunu sempliċiment qed itawlu l-proċess tal-mewt mingħajr tama fundata li tagħti lill-marid ħajja umanament denja. L-istess sitwazzjoni tirriżulta meta l-applikazzjoni tat-terapija twassal lill-pazjent sabiex jiddepenti fuq il-magni, jew fi kliem ieħor tkun qed tikkundanna lill-marid għal eżistenza bioloġika li fiha kull funzjoni mentali tkun imwaqfa b'mod definittiv.
   Sitwazzjoni simili tinħoloq meta l-pazjent jkun qed ibati minn dak li jissejjaħ bħala *tumur ċelebrali* jew tumur fil-moħħ. Quddiem dan il-każ, it-tabib isib ruħu quddiem dilemma: min-naħa jista' jiċħad li joffri xi tip ta' terapija u hekk jħalli lill-marid b'ħajja qasira imma waħda persunali; min-naħa l-oħra jista' jagħmel l-intervent kirurġiku fuq il-moħħ iżda fl-istess waqt jikkundanna l-marid għal stat ta' defiċjenza mentali. Quddiem dan il-fatt nitkellmu wkoll mid-dritt tal-persuna li jmut mewt naturali jew kif spiss jiġi msejjaħ, għad-dritt ta' mewt umanament denja quddiem il-fatt li waħda bħala tali m'għadhiex possibli.

2. It-tieni każ huwa meta t-tabib għandu quddiemu persuna li bil-kundizzjoni defiċjenti tagħha ma tkunx tista' tgħix ħajja persunali, lanqas b'mod limitat jew modest. Hawn jidħlu dawk is-sitwazzjonijiet fejn persuna titwieled b'deformazzjoni permanenti jew trabi li jkollhom parti essenzjali mill-moħħ tagħhom nieqes bir-riżultat li ma jkunux kapaċi jgħixu ħajja konxja. Quddiem dawn is-sitwazzjonijiet wieħed jistaqsi jekk hix leċita ewtanasja attiva jew dik passiva f'ċerti każi, kif ukoll x'inhi d-differenza moralment rilevanti bejn iż-żewġ tipi ta' intervent mediku.

**Trattamenti Ordinarji u Straordinarji**

It-teoloġija morali kattolika tagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' trattamenti, dik ordinarja u dik straordinarja. It-trattamenti ordinarji huma "dawk il-mediċini, trattamenti u operazzjonijiet kollha li joffru tama raġunevoli ta' benefiċċju għall-pazjent, u li wieħed jista' jiksibha u jamministraha mingħajr spejjeż u tbatija eċċessiva jew xi inkonvenjent ieħor".[3] Jekk wieħed minn dawn il-kundizzjonijiet huwa nieqes, allura nikklassifikaw dik il-kura bħala waħda straordinarja. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-kriterju ta' kif jiġu kklassifikati l-metodi wżati jista' jinbidel maż-żmien skont l-avvanz li jsir fl-oqsma konċernati. Għaldaqstant f'każijiet konkreti mhux dejjem huwa faċli li wieħed jiddetermina l-proċedura xi tkun iżda tibqa' għall-ġudizzju raġunevoli tal-bniedem.

Xi teoloġi jużaw id-distinzjoni bejn metodi proporzjonati jew sproporzjonati. Din id-distinzjoni hija bbażata fuq il-paragun ta' bejn it-tip ta' trattament użat, il-kumplessità u r-

[3] Karl H. Peschke, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, vol. II, Worcs, England 2000, 261.

riskju li jħaddan, l-ispejjeż u l-possibiltajiet ta' l-użu tiegħu fuq naħa minnhom, u r-riżultat li wieħed jistenna waqt li jżomm f'moħħu l-istat tal-pazjent flimkien mar-riżorsi materjali u morali tiegħu, fuq in-naħa l-oħra. Jekk ir-relazzjoni ta' bejniethom hija raġunevoli allura t-trattament użat huwa proporzjonat, jekk le huwa kkunsidrat bħala sproporzjonat. Għaldaqstant din id-distinzjoni xorta tibqa' waħda ambigwa u li ma toffrix xi kriterju eħfef sabiex wieħed jikkwalifika t-tip ta' terapija li tiġi amministrata.[4]

**Il-kriterju tal-ħajja (quality of life criterion)**

Il-kriterju tal-kwalità tal-ħajja jibbaża fuq il-fatt li l-obbligazzjoni li tibda jew titkompla tingħata kura f'każijiet ta' pazjenti b'mard kritiku għandu jiġi determinat mill-abilità ta' l-istess persuna li tirrealiżża l-iskopijiet ta' ħajjitha u li tgħix ħajja li fiha sens; jew skont kif jgħidu xi wħud b'potenzjal li tidħol f'relazzjonijiet umani. Meta dan huwa assenti jew totalment subordinat għall-isforz li wieħed jagħmel sabiex jgħix, il-minimu mitlub mill-kwalità tal-ħajja għal eżistenza umana huwa nieqes u għalhekk il-persuna tista' titħalla tmut. Ta' min jgħid li dan huwa kundizzjoni waħda biss li permezz tagħhom wieħed jista' jiġġudika l-karattru obbligatorju ta' trattament.[5]

Quddiem dan il-fatt wieħed jistaqsi dwar x'inhu l-irwol li għandu dan il-kriterju fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. Spiss jitressaq l-argument li wieħed m'għandux jitgħabba bil-piż li jieħu ħsieb dawk il-persuni li qed ibatu diżabilità mentali jew fiżika, minħabba li l-kwalità tal-ħajja tagħhom huwa wieħed baxx u għalhekk m'huwiex neċessarju li tiġi mħarsa l-ħajja. Dan l-argument anki meta huwa motivat minn xewqa umanitarja sabiex titnaqqas it-tbatija, xorta waħda jinjora d-dinjità u l-qdusija tal-ħajja umana. L-idea li persuni b'diżabilità jgawdu l-ħajja fuq livell inqas minn oħrajn hija waħda żbaljata. Fejn hemm it-tbatija, r-risposta li għandha tagħti s-soċjetà m'għandhiex tkun dik li twarrab jew telimina il-ħajja ta' dawn il-persuni iżda li tgħin sabiex ittejjeb il-kundizzjoni umana tagħhom. Ħafna drabi l-akbar tbatija għal dawn il-persuni ma tkunx id-diżabilità iżda l-attitudni u l-preġudizzju bbażata fuq l-idea li ħajja li għandha diżabilità serja mhix ta' min wieħed jibqa' jgħixha.

It-tradizzjoni morali toffri tliet possibiltajiet li fihom il-kriterju tal-kwalità tal-ħajja huwa rilevanti mad-deċiżjoni tat-trattament li għandu jingħata:

1. Wieħed għandu jipprova jnaqqas tbatija żejda u jaċċetta metodi moralment aċċettabli li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-pazjent;
2. Wieħed jista' leġittimament jirrifjuta xi trattament li jista' jikkawża xi piż serju jew riskju fuq il-pazjent. Din id-deċiżjoni m'hijiex l-istess bħal l-intenzjoni li wieħed itemm ħajtu sabiex jevita l-piż li jgħix fi stat ta' diżabilità;
3. F'xi każi l-kundizzjoni tal-pazjent tista' tinfluwenza b'mod dirett il-benefiċċji jew il-piżijiet ta' trattament speċifiku li jista' jingħata. Eżempju pazjent li huwa konfuz jew li qed ibati minn dimentia jista' jsib l-assistenza medika ta' nutrizzjoni u idratazzjoni aktar ta' tbatija

[4] Karl H. Peschke, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, vol. II, Worcs, England 2000, 262.
[5] *Ibid.*, 263.

minn oħrajn li jifhmu l-iskop għaliex qeghda tingħata. F'dawn il-każi, għandhom jinstabu metodi oħra qabel ma wieħed jikkonkludi li jwaqqaf in-nutrizzjoni jew idratazzjoni li huma neċessarji sabiex tiġi sostnuna l-ħajja.

Tajjeb ngħidu li metodu li huwa kkunsidrat bħala ordinarju jew proporzjonat għal xi pazjenti m'għandux jiġi kkunsidrat bħala straordinarju jew sproporzjonat għall-persuni b'diżabilià gravi sempliċiment fuq il-ġudizzju li l-ħajja tagħhom mhix ta' min jgħixha. Spiss dan il-kriterju qiegħed jitressaq quddiem is-soċjetà sabiex tiġi promossa l-ewtanasja u għaldaqstant il-Knisja għandha tkompli tisħaq fuq il-valur tas-sagralità tal-persuna umana bħala l-prinċipju fundamentali f'kull deċiżjoni morali li tittieħed.[6]

[6] *Nutrition and Hydration. Moral and Pastoral Reflections*, Official documents issued by the Committee for Pro-Life Activities of the National Conference of Catholic Bishops, April 1992.

# It-Tieni Kapitlu

## *Il-Prinċipji Morali*

It-tradizzjoni morali nisranija tħares lejn il-ħajja bħala don ta' Alla waqt li tirrispetta l-ħajja ta' kull individwu għaliex huwa maħluq fuq ix-xbieha ta' Alla nnifsu. Bħala nsara aħna nemmnu li lkoll ġejna mifdija minn Kristu u msejħa sabiex nieħdu sehem miegħu fil-ħajja eterna. Minn dawn il-prinċipji t-tradizzjoni nisranija matul is-sekli żviluppat viżjoni distinta lejn il-ħarsien tal-ħajja umana. Il-Knisja tħares lejn il-ħajja bħala don li ġie afdat f'idejna sabiex nieħdu ħsiebu u mhux biex naħkmu fuqu b'mod assolut. Għaldaqstant hija topponi kull metodu dirett li jmur kontra l-ħajja innoċenti ta' l-individwu. Bħala prinċipji fil-ħarsien tal-ħajja umana nsemmu:

1. Il-ħajja umana tħaddan valur speċjali u sinjifikattiv għaliex hija l-fundament ta' valuri umani oħrajn. Il-ħajja hija "l-ewwel dritt tal-persuna umana" u "il-kundizzjoni ta' l-oħrajn kollha".[7]
2. Kull tentattiv kontra l-ħajja ta' l-individwu, inklużi l-ewtanasja u s-suwiċidju għandhom jiġu miċħuda.[8] L-ewtanasja hija att kontra l-ħajja li ħadd m'għandu dritt li jagħmel jew li jitlob għalih innifsu, kif ukoll l-ebda stat jew awtorità umana ma tista' tirrikomanda jew tippermetti b'mod leġittimu. Għalkemm l-ħtija individwali tista' tonqos jew tkun assenti minħabba fatturi emozzjonali jew ta' tbatija li jdgħajfu l-kuxjenza, xorta waħda ma jbiddlux l-ħażen oġġettiv ta' l-att innifsu.
3. It-tbatija hija fatt tal-ħajja umana u li għandha sinjifikat speċjali għan-nisrani bħala sejħa li permezz tagħha jaqsam mat-tbatija redentiva ta' Kristu. Għaldaqstant m'hemm xejn ħażin li wieħed jipprova jnaqqas mit-tbatija li persuna tkun qed tħoss. Fil-fatt hija xi ħaġa pożittiva li wieħed jagħmel dan, sakemm b'mod intenzjonat ma jikkawżax il-mewt jew jinterferi ma' obbligi morali jew reliġjużi.
4. Kulħadd għandu d-dritt li jieħu ħsieb il-ħajja u s-saħħa tiegħu nnifsu, kif ukoll li jfittex kura medika neċessarja mingħand professjonisti. Għaldaqstant dan ma jfissirx li kull rimedju possibli għandu jiġi wżat f'kull ċirkustanza. Wieħed m'huwiex obbligat li juża mezzi straordinarji jew disproporzjonati sabiex jippreserva l-ħajja, jiġifieri metodi li ma joffrux tama raġonevoli li minnha jista' jibbenefika l-pazjent jew li tkun tinvolvi tbatija eċċessiva. Id-deċiżjonijiet marbuta ma' dawn il-mezzi huma ta' natura kumplessa u għandhom jittieħdu mill-pazjent f'konsultazzjoni mal-familjari tiegħu, qassis u tabib meta huwa possibli.[9]

---

[7] CONGREGATION FOR THE DOCTRINE OF THE FAITH, *Declaration on Procured Abortion* (Washington, D.C.: United States Catholic Conference, 1974), no. 11.

[8] KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes*, 27. Suicide must be distinguished from "that sacrifice of one's life whereby for a higher cause, such as God's glory, the salvation of souls or the service of one's brethren, a person offers his or her own life or puts it in danger," CONGREGATION FOR THE DOCTRINE OF THE FAITH, *Declaration on Euthanasia* (Washington, D.C.: United States Catholic Conference, 1980), part 1.

[9] *Declaration on Euthanasia*, part 4.

5. Fl-aħħar fażi tal-mewt, wieħed m'huwiex obbligat li jtawwal il-ħajja tal-pazjent b'kull mod possibli: "meta l-mewt inevitabbli hija waħda imminenti minkejja l-metodi wżati, huwa permess fil-kuxjenza li tittieħed deċiżjoni li tirrifjuta forom ta' trattament li jirriżultaw f'prolungament prekarju u diffiċli tal-ħajja, sakemm il-kura normali li tingħata lill-pazjent f'każijiet simili mhix interrotta".[10]
6. Waqt li tafferma l-ħajja bħala don ta' Alla, il-Knisja tagħraf li l-mewt ma tistax tiġi evitata u li permezz tagħha tibda l-ħajja eterna. Għalhekk "mingħajr ma wieħed iħaffef is-siegħa tal-mewt tiegħu", l-pazjent li jkun wasal li jmut għandu jaċċetta din ir-realtà waqt li jipprepara għaliha kemm emozzjonalment u kemm spiritwalment.[11]
7. Id-deċiżjonijiet rigward il-ħajja umana għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-ġustizzja, waqt li tħares lejn kull persuna umana bħala proxxmu tiegħi nnifsi, kif ukoll tiġi evitata kull diskriminazzjoni ibbażata fuq età jew dipendenza.[12]
8. Kull persuna umana għandha dinjità unika u valur indipendenti, mill-mument tal-konċepiment u f'kull stat ta' l-iżvilupp tiegħu, irrispettivament mill-kundizzjoni fiżika tagħha. B'mod partikolari l-persuna diżabbli hija persuna bi drittijiet innati, sagri u invjolabbli tagħha. L-ewwel fost dawn hemm id-dritt fundamentali u inaljenabbli għall-ħajja.
9. Id-dinijità u l-valur tal-persuna umana, li tiegħu huma l-fundament tat-tagħlim nisrani fuq id-dritt tal-ħajja, joffru bażi għal ordni soċjali ġust. Is-soċjetà għandha tipproteġi d-dritt għall-ħajja permezz ta' liġijiet u *policies* oħra mhux tant biex issir aktar nisranija biss iżda sabiex tkun waħda aktar umana.[13]

**Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika dwar l-Ewtanasja**

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fejn jitkellem mill-ewtanasja jistqarr li "huma x'inhuma l-motivi u l-mezzi, l-ewtanasja diretta sseħħ meta wieħed itemm il-ħajja ta' persuna ħandikappata, jew marida jew qiegħda tmut. Moralment ma tistax tiġi aċċettata." Jkompli jelabora li "għemil jew nuqqas ta' għemil li, minnu nnifsu jew bl-intenzjoni ta' min jagħmlu, jagħti l-mewt lil dak li jkun biex ma jbatix aktar, hu qtil li jmur gravament kontra d-dinjità tal-persuna tal-bniedem u kontra r-rispett li jistħoqq lil Alla l-Ħaj u Ħallieq. Żball ta' ġudizzju li wieħed jagħmel bi ħsieb tajjeb, ma jbiddilx in-natura ta' dan il-qtil, li għandu dejjem jiġi kkundannat u pprojbit."

Il-waqfien ta' proċeduri mediċi li jqumu ħafna, u li huma perikolużi, straordinarji, u mingħajr proporzjon mar-riżultati li jinkisbu, jista' jkun leġittimu. Dan il-waqfien ikun ifisser li ma tkunx trid "kura terapewtika li fiha nnifisha hi ħarxa ħafna". Dan ma jfissirx li hemm il-ħsieb li tingħata l-mewt: wieħed ikun biss jaċċetta li ma jistax iżomm il-mewt. Id-deċiżjoni trid tittieħed mill-marid innifsu jekk jaf u għandu l-ħila jagħmel dan, jew inkella minn min

[10] Congregation for the Doctrine of the Faith, *Declaration on Euthanasia* (Washington, D.C.: United States Catholic Conference, 1980), part 4.
[11] *Ibid.*, Konklużjoni.
[12] *Gaudium et spes*, 27.
[13] Congregation for the Doctrine of the Faith, *Instruction on Respect for Human Life in Its Origin*, part 3.

għandu d-dritt jieħu din id-deċiżjoni, iżda fl-istess ħin għandu dejjem jirrispetta r-rieda raġjonevoli u l-interessi leġittimi tal-marid.

Ukoll meta jitqies li l-mewt hi fil-qrib, l-għajnuna li soltu tingħata lill-marid m'għandhiex tieqaf. L-użu ta' mediċini biex itaffu t-tbatijiet tal-moribond, ukoll jekk dawn il-mediċini se jnaqqsu xi ġranet minn ħajtu, jistgħu jaqblu moralment mad-dinjità tal-bniedem, jekk il-mewt wieħed ma jkunx iridha, la direttament u lanqas indirettament, imma biss jittolleraha, għax ma jistax jagħmel mod ieħor. Il-kura li tingħata biex tonqos it-tbatija tista' tkun sura privileġġjata ta' mħabba li ma tfittixx l-interessi tagħha: għal dan il-għan, kura bħal din ta' min jinkoraġġiha.[14]

---

[14] Arċidjoċesi ta' Malta, *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Blata l-Bajda, Malta 1993, 2277-2279.

## It-Tielet Kapitlu

### *L-Applikazzjoni tal-Prinċipji u xi diskussjonijiet*

F'Awwissu 2007, il-Kongregazzjoni tal-Fidi, kienet ifformulat ġabra ta' risposti għall-mistoqsijiet li kienu ġew imressaq mill-Konferenza Episkopali Amerikana dwar in-nutrizzjoni u l-idratazzjoni ta' pazjenti li jkunu qed ibatu minn dik il-kundizzjoni magħrufa aħjar bħala "stat veġetattiv". L-oġġett ta' dawn il-mistoqsijiet kienu jekk il-kura li kienet qed tingħata, b'mod partikolari meta amministrata b'metodi artifiċjali, kinitx qed tkun ta' piż kbir kemm għall-pazjent innifsu, kemm għall-qraba tiegħu, kif ukoll għas-sistema sanitarja sal-punt li setgħet tiġi kkunsidrata, fid-dawl tat-tagħlim morali tal-Knisja, bħal mod straordinarju jew sproporzjonat u għaldaqstant li ma torbotx moralment.

Favur il-possibilità li wieħed jirrinunċja għall-alimentazzjoni jew l-idrattazzjoni ta' dawn il-pazjenti spiss jiġi innotat dak li kien qal il-Papa Piju XII fl-indirizz tiegħu fil-Kungress ta' Anestesjoloġija fl-24 ta' Novembru 1957. F'din l-okkazjoni l-Papa kien għamel referenza għal żewġ prinċipji etiċi ġenerali. Min-naħa huwa saħaq li r-raġuni naturali u morali kristjana jżommu li f'każ ta' mard serju, il-pazjent u dawk kollha li għandhom sehem mill-kura tiegħu, għandhom id-dmir li joffru l-kuri neċessarji sabiex tiġi mħarsa s-saħħa u l-ħajja tal-persuna. Min-naħa l-oħra dan id-dmir ġeneralment jiġbor fih l-użu ta' dawk il-mezzi li meta jittieħdu ċ-ċirkustanzi kollha, huma kkunsidrati bħala mezzi ordinarji, jiġifieri mezzi li ma jimponux xi piż straordinarju kemm fuq il-pazjent u kemm fuq l-oħrajn. Kemm il-ħajja, s-saħħa u anki l-attivitajiet temporali tal-bniedem huma kollha subordianti għall-fini spiritwali u ultimu li huwa jħaddan. Għaldaqstant wieħed m'għandux jibqa' lura milli jagħmel dak kollu li hu possibli sabiex iħares il-ħajja u s-saħħa tal-pazjent, sakemm ma jkunx qed inaqqas mir-rispett ta' dmirijiet oħra meqjusa bħala ta' natura aktar gravi.

Huwa tajjeb ninnutaw li l-argumenti li l-Papa kien qiegħed iressaq kienu qed jirreferu għal sitwazzjonijiet fejn wieħed għandu juża jew iwaqqaf dawk il-metodi hekk imsejħa ta' ri-animazzjoni. Għaldaqstant meta nitkellmu mill-istat ta' ħajja veġetattiva, l-pazjent xorta waħda jkun qiegħed f'kundizzjoni li jieħu n-nifs waħdu, jeżegwixxi funzjonijiet metaboliċi, kapaċi jiddiġerixxi l-ikel b'mod naturali u fuq kollox ikun qiegħed f'sitwazzjoni stabbli. Il-problema tinħoloq minħabba l-fatt li dawn ma jkunux jistgħu jirċievu l-alimentazzjoni (l-ikel) waħidhom. Jekk dawn jiġu mċaħħda milli jingħataw l-ikel u x-xorb meħtieġ huma jmutu, iżda l-kawża tagħhom ma tkunx il-marda fiha nnifisha jew l-istat veġetattiv li fih jinsabu, iżda n-nuqqas tal-amministrazzjoni tal-bżonn neċessarju ta' l-ikel. Barra min dan, l-użu ta' mezzi sabiex jingħata l-ikel mhux wieħed straordinaju u ma jikkostitwixxix xi piż partikolari.

Jista' jkun ikkunsidrat ta' piż meta wieħed ikun qiegħed f'dan l-istat għal tul ta' żmien, bħal fil-każ ta' mard mentali gravi u nies morda bl-*alzheimer*, fejn il-pazjent ikollu bżonn l-

assistenza kontinwa għal xhur sħaħ jekk mhux għal diversi snin. Għaldaqstant wieħed ma jistax fuq il-fatt li dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jkunu ta' piż kbir fuq il-familjari, japplika l-prinċiplji formulati minn Piju XII (jiġifieri li tingħata l-kura neċessarja sakemm mhix ta' piż straordinarju fuq il-pazjent jew dawk ta' madwaru) u b'hekk ikun ikkunsidrat bħala leċitu li wieħed jabbanduna għall-kors naturali lill-istess pazjent u jħallih imut. Ma kienx dan is-sens li fuqu tkellem il-Papa Piju XII rigward l-użu tal-mezzi straordinarji. Il-Maġisteru tal-Knisja jkompli jżomm u jisħaq li f'każ ta' mard gravi, xorta waħda jibqa' d-dritt u d-dmir li jiġu applikati dawk il-kuri neċessarji sabiex tiġi kkonservata l-ħajja u s-saħħa tal-bniedem.

Fid-Dikrjarazzjoni fuq l-Ewtanasja li kienet ippublikata mill-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi nhar il-5 ta' Mejju 1980, issir distinzjoni bejn il-mezzi proporzjonati u dawk sproporzjonati, kif ukoll bejn dawk it-trattamenti terapewtiċi u kura normali li għandha tingħata lill-marid: "fl-eventwalità ta' kas ta' mewt inevitabbli, minkejja l-mezzi wżati, huwa kkunsidrat bħala leċitu fil-kuxjenza li wieħed jagħżel li ma jieħux trattamenti li jġibu magħhom prolungament prekarju u ta' tbatija biss, mingħajr ma wieħed iwaqqaf dawk il-kuri msejħa bħala normali lill-marid f'każi simili".[15] Bil-wisq inqas m'għandhiex tiġi interrotta dik il-kura ordinarja għal dawk li ma jinsabux quddiem mewt imminenti, bħalma huwa l-kas ġeneralment ta' dawk li jkunu fi "stat veġetattiv" li jkun propju l-waqfien tal-kuri ordinarji l-kawża tal-mewt tagħhom.

Fis-sena 1995, il-Kunsill Pontifiċju għall-pastorali ta' l-operaturi sanitarji, ippublika dokument li fih jafferma espliċitament li "l-alimentazzjoni u l-idratazzjoni, anki jekk mogħtija b'mod artifiċjali, jaqgħu fost il-kuri normali li għandhom jingħataw lill-marid sakemm ma jkunux ta' dannu gravi għalih; iċ-ċaħda ta' dawn il-kuri jista' jkollha t-tifsira ta' ewtanasja vera u propja."

Fid-diskors li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt il-Kungress Internazzjonali fuq "it-trattamenti ta' kura tal-ħajja u l-istat veġetattiv. Progressi xjentifiċi u dilemmi etiċi" (20 ta' Marzu 2004) huwa jikkonferma b'termini ċari:

1. Sabiex tiġi indikata dik il-kundizzjoni li fiha persuna fi "stat veġetattiv" iddum 'il fuq minn sena, beda jiġi wżat it-terminu ta' *stat veġetattiv permanenti*. Din id-definizzjoni ma tikkorrispondix għal xi dijanjożi (eżami mediku) differenti imma sempliċiment għal ġudizzju dwar it-tama li l-pazjent jirkupra mill-istat li jkun fih isir aktar diffiċli jekk jibqa' għaddej iż-żmien.
2. Quddiem dawk li jġibu fid-dubju l-"kwalità umana" tal-marid fi "stat veġetattiv permanenti" jiġi affermat li "l-valur intrinsiku tad-dinjità persunali ta' kull esseri uman ma jimbidlux, ikunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi konkreti ta' ħajtu."
3. Il-pazjent fi stat veġetattiv, kemm waqt li qed jirkupra u kemm fil-proċess li jwassal għall-mewt, għandu dritt għall-assistenza sanitarja bażika (nutrizjoni, idratazzjoni, iġene, eċċ) kif ukoll għall-prevenzjoni ta' kumplikazzjonijiet marbuta mal-post fejn ikun qed

[15] CONGREGATION FOR THE DOCTRINE OF THE FAITH, *Declaration on Euthanasia* (5 ta' Mejju 1980), part 4.

joqgħod. L-għoti ta' ikel u ilma anki b'mod artifiċjali, huma dejjem mezzi naturali ta' ħarsien tal-ħajja u mhux att mediku. Għaldaqstant l-użu tagħhom għandu jiġi kkunsidrat fil-linja tal-prinċipju ta' ordinarju u proporzjonat u bħala tali moralment obbligatorju, jiġifieri li jkun qed jilħaq l-iskop propju tiegħu, dak li jkun ta' nutriment għall-pazjent u tnaqqis tat-tbatija.

4. Il-valutazzjoni tal-probabilità, li hija bbażata fuq it-tama baxxa għall-marid li jinsab fi stat veġetattiv għal aktar minn sena li jirkupra minnu, ma jistax jiġġustifika b'mod etiku l-interruzzjoni tal-kuri minimali għall-pazjent, li fihom jidħlu l-alimentazzjoni u l-idratazzjoni. Il-mewt minħabba n-nuqqas ta' ikel jew xorb, huwa l-uniku riżultat possibli għan-nuqqas tagħhom, li jirriżulta fl-ewtanasja propja minħabba ommissjoni.

## Ir-Raba' Kapitlu

## *Konklużjoni*

Rigward il-pożizzjoni tal-Knisja u l-prinċipji li jiġu applikati fir-rigward tal-kura lil dawk il-pazjenti li qed ibagħtu minn mard jew kundizzjonijiet li jkunu jirrikjedu l-assistenza medika ta' kura palliativa bħalma hi n-nutrizzjoni u l-idratazzjoni, nistgħu nelenkaw dawn il-konklużjonijiet[16]:

1. Il-bniedem hu dejjem mogħni b'dinjità li ma tikbirx jew tonqos skont il-kwalità tal-ħajja tiegħu;
2. Fil-kura ta' pazjenti b'mard terminali, għandhom jiġu evitati żewġ estremi: min-naħa l-*accaniment terapewtiku*[17] jiġifieri tagħmel interventi li joħroġ uġigħ lill-marid mingħajr titjib konsiderevoli għal saħħtu; min-naħa l-oħra, l-*abbandun terapewtiku* fejn wieħed iħalli lill-marid terminali mingħajr ebda kura. Il-kriterji, fosthom dawk klassiċi tal-mezzi ordinarji/straordinarji u proporzjonati/sproporzjonati jgħinu biex wieħed ma jaqax f'dawn l-estremi;
3. Il-pazjent għandu dejjem dritt għall-*cura palliativa* li tinkludi n-nutrizzjoni artifiċjali;
4. In-nutrizzjoni u l-idratazzjoni artifiċjali jagħmlu parti mill-kura ordinarja u minima li l-pazjent għandu dritt għaliha u li għandha tiġi sospiża biss fil-prossimità tal-mewt (l-*exitus*) naturali tal-pazjent.

Għaldaqstant biex nirreferu għall-każ tagħna, minkejja l-fatt li tista' tkun ta' piż għall-familjari tal-pazjent, il-kura mogħtija tibqa' dejjem waħda ordinarja li ma tistax tiġi miċħuda. It-tul tal-marda m'għandu qatt ikun ikkunsidrat bħala kriterju li jwassal sabiex jitwaqqfu l-mezzi artifiċjali u ċ-ċaħda tagħhom jibqa' dejjem qtil dirett u att moralment ħażin.

[16] MAURIZIO PIETRO FAGGIONI, *La vita nelle nostre mani. Manuale di Bioetica teologica*, (2 ed.) Edizione Camilliane, 2009.
[17] GUIDO GATTI, *Manuale di Teologia Morale*, Elledici, Turin 2003, 265-266.

## *Bibliografija*

ARĊIDJOĊESI TA' MALTA, *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Blata l-Bajda, Malta 1993.

DEMMER Klaus, Diritto di vivere e diritto di morire, noti mogħtija fl-Università Gregorjana, 1974-75.

FAGGIONI Maurizio Pietro, *La vita nelle nostre mani. Manuale di Bioetica teologica*, (2 ed.) Edizione Camilliane, 2009.

GATTI Guido, *Manuale di Teologia Morale*, Elledici, Turin 2003.

HÄRING Bernhard – O'RIORDAN John, *Etica Medica*, Edizioni Paoline 1975.

KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum *Gaudium et spes*, (7 ta' Diċembru 1965).

KONGREGAZZJONI GĦAD-DUTTRINA TAL-FIDI,

*Declaration on Procured Abortion*;

*Declaration on Euthanasia*;

*Instruction on Respect for Human Life in Its Origin;*

*Answers to questions from the U.S. Bishops' Conference about artificial nutrition and hydration, with the explanatory statement*, (1 ta' Awwissu 2007) (on-line): http://www.disf.org/Documentazione/06-070801-CDF.asp.

*Nutrition and Hydration. Moral and Pastoral Reflections*, Official documents issued by the Committee for Pro-Life Activities of the National Conference of Catholic Bishops, April 1992.

PESCHKE Karl H., Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II, vol. II, Worcs, England 2000.